### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu stabbilit għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-15 ta' Lulju 2007.

(1) ĠU L 310, p. 28.

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Ungerija

## (Kawża C-530/08)

(2009/C 19/38)

*Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Støvlbæk u B. Béres, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Ungerija

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma daħħlitx fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali ([1]), jew, f'kull każ, billi ma kkomunikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Ungerija għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2005/36 fis-sistema legali interna skada fl-20 ta' Ottubru 2007.

(1) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

## Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

## (Kawża C-531/08)

(2009/C 19/39)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Guerra e Andrade u P. Dejmek, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża

### Talbiet

— tiddikjara li, billi ma adottatx il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2005/56/KE ([1])tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar mergers transkonfinali ta' kumpanniji ta' responsabbiltà limitata, jew, f'kull każ, li ma nnotifikatx dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika Portugiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

— tikkundanna lir-Repubblika Portugiża għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

It-terminu ta' traspożizzjoni ta' din id-direttiva fis-sistema legali interna skada fil-15 ta' Diċembru 2007.

(1) ĠU L 310, p. 1.

## Rikors ippreżentat fl-4 ta' Diċembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Portugiża

## (Kawża C-543/08)

(2009/C 19/40)

*Lingwa tal-kawża: Il-Portugiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Braun, P. Guerra e Andrade u M. Teles Romão, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Portugiża